MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 490/2003

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Zachary Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Carmelo Caruana Company Limited bhala agent ta' Compagnie Maritime d'Affretement**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta nomine tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' tmien mija u hamsa u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm835.10) rappresentanti hsarat fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta attrici u ghall-

ispejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w l-kustodja tal-konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV CMA Berlioz fl-1 ta’ Marzu 2002, liema danni diga thallsu mis-socjeta attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mit-23 ta’ April 2002 kontra s-socjeta konvenuta nomine, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta nomine ipprezentata fis-26 ta’ Marzu 2003, fejn gie eccepiet illi t-talbiet attrici gahndhom jigu michuda stante illi s-socjeta konvenuta mhix responsabbli ghal hsarat sofferti mis-socjeta assigurata tas-socjeta attrici.

Sema' x-xhieda ta’ Brian Valenzia, John Schiavone u ta’ Karl Naudi in rappresentanza tas-socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi is-socjeta attrici nomine qieghda tfittex ghal hsarat ikkagunati f’merkanzija matul it-trasport taghha bil-bahar, liema merkanzija kellha tigi ikkonsenjata lill-assigurat taghha, is-socjeta Zachary Limited, u ghal liema trasport hija kienet inkarigat lis-socjeta konvenuta kif rappresentata. Il-merkanzija iddanneggjata kienet tikkonsisti f’109 kaxxi tal-kartun mimlija kull wahda 15 il-flixkun zejt tal-marka ISIO4. Ma hemmx kontestazzjoni illi l-hsara sehhet minhabba illi t-trasport tal-merkanzija sar f’container li ma kienx ta’ kwalita tajba bizzejjed ghat-trasport ta’ din it-tip ta’ merkanzija peress illi kien imsaddad u kien anke fih xi toqob f’partijiet minnu bil-konsegwenza illi dahal l-ilma, l-kaxex ixxarbu u giet ikkagunata hsara fit-tikketi u cioe’ fil-labels li kien hemm fuq il-flixkun. Ma jidhirx illi kien hemm xi hsara fiz-zejt per se, u cioe’ fil-prodott, izda minhabba l-fatt illi t-tiketta fuq il-flixkun tkun inqerdet, l-istess prodott ma ikunx jista’ jinbiegh fis-suq u lanqas ma ikun possibbli illi jingiebu tiketti godda minn ghand is-supplier. (ara xhieda ta’ John

Schiavone a fol. 23 sa 26 tal-process). Il-merkanzija ittiehdet mis-socjeta attrici u inzammet minnha. John Schiavone, rappresentant ta' Zachary Limited ma kienx f'posizzjoni ighid x'gara minn din il-merkanizja iddanneggjata u jikkontendi illi generalment f'kazijiet simili il-prodott jinghata b'karita.

Min-naha taghha s-socjeta konvenuta nomine tikkontendi illi ghalkemm kienet ir-responsabbilta tal-principal taghha barra minn Malta sabiex jipprovdi dana il-*container*, izda huma ma ikunux jafu x'tip ta' merkanzija tkun ser tigi ikkonsenjata u kwindi kienet responsabbilta' tas-*suppliers* tas-socjeta Zachary Limited illi ma ighabbux il-merkanzija f'container illi huma kienu qed jaraw li kien difettuz.

Illi mill-provi jidher car illi kienet is-socjeta konvenuta li kienet responsabbli ghat-trasport tal-merkanijza u ghalhekk kien jinkombi fuqha ill tara illi dan qieghed isir kif suppost billi jigi ipprovdut il-*container* appozitu sabiex isir l-istess. Jekk l-persuni inkarigati minnhom ipprovdew *container* imtaqqab, certament ma ghandhomx jahtu ta'l-istess l-assikurati tas-socjeta attrici, izda iridu iwiegbu ghal dan s-socjeta konvenuta. Fuq kollox l-ebda merkanzija ma ghandha tingarr f'containers imtaqbin, tkun xi tkun n-natura ta' din il-merkanzija u iktar u iktar meta it-trasport ikun ser isir bil-bahar fejn l-elementi tat-temp jistghu ikunu ta' detriment ghal merkanijza li tkun qed tingarr. Il-mezz ta' kif kienet ser taghmel dan kien unikament responsabbilta taghha u cioe' tas-socjeta konvenuta u kwindi kien jinkombi fuqha illi tassigura ruhha li l-ebda hsara ma tista' issir lill-merkanzija li tkun qed tingarr.

Illi dwar il-*quantum* tad-danni, irrizulta illi l-merkanzija li giet iddaneggjata matul it-trasport ma tistax tinbiegh fis-suq lokali u lanqas ma jistghu jigu ipprovduti tikketti godda sabiex b'hekk id-danni jigu minimizzati u l-prodott ikun jista' jinbiegh xortawahda. Illi ghalhekk gie ippruvat illi is-socjeta assigurata mas-socjeta attrici kienet effettivament baghtiet hsara ammontanti ghal dak mitlub fl-avviz u kwindi jidher li l-ammont miltub huwa gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm835.10), bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' April 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------